**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Città Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 01/13 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 24/01/2013 fis-6.30pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Attendenza**

| | |
|---|---|
| Sindku Joe Attard | Prezenti |
| Vici Sindku Joan Agius | Prezenti |
| Camilleri Claude | Prezenti |
| Darmanin Richard | Prezenti bejn 6.50pm u s-7.30pm |
| Fenech Stephanie | Prezenti mis-6.55pm |
| Hales Joseph | Prezenti sat-8.30pm |
| Pace Darrell | Prezenti |
| Seychell Anthony | Prezenti |
| Wille Piscopo Elisabeth | Skuzata minħabba mard |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**01 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Referenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 1. 1 | | Proponent: Pace<br>Sekondant: Seychell | **Il-Minuti 12/12 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 12.2.21 | Minflok 'Dolmen Hotel' jidħlu l-kliem 'Seabank Hotel'. | | |
| | 12.2.22 | Minflok '79 jidħlu l-figuri '97'. | | |
| 01. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**01. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 1 | 12.2.2 | Viċi-Sindku: Default notice dwar il-ġbir ta' skart | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk inħarġitx default notice lill-kuntrattur ta' l-iskart. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. Din l-ittra intbagħtet permezz ta' ittra reġistrata izda din reġgħet ġiet lura. | |
| 01. 2. 2 | 12.2.4 | Viċi-Sindku: Parenting Skills Courses | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-korsijiet tal-parenting skills ġew posposti. | Viċi-Sindku |
| 01. 2. 3 | 12.2.5 | Sindku: Sqaq 2, Triq Strejnu | Is-Sinkdu informa lill-Kunsill li bħalissa qed isiru t-testijiet tal-klorin. Jekk dawn it-testijiet jgħaddu, ikun jista' jingħata t-tarmak. | Sindku |
| 01. 2. 4 | 12.2.6 | Sindku: Xogħlijiet fi Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ewwel fazi tal-proġett lestiet. Għadha kemm tħejjiet l-istima tax-xogħlijiet fuq id-drenaġġ. Qed nistennew li l-istima tkun approvata mid-Dipartiment tad-Drenaġġ. Jekk ma jkunx hemm problemi, ser jitkompla x-xogħol li mistenni jibda għal nofs Frar. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 5 | 12.2.8 | Fenech: Attivita' ta' Halloween | Fenech infurmat lill-Kunsill li ntbagħtet ittra minn qabel lir-residenti li kienu ser jippartecipaw fl-attivita' annwali ta' Halloween. Din is-sena kienet iffukata fiz-zona tal-Knisja Parrokkjali. L-attivita' saret fit-2 ta' Novembru. Is-Sindku staqsa jekk sarx ġbir minn Triq A. Cachia Zammit. Fenech wieġbet fin-negattiv. Fenech infurmat lill-Kunsill li għad fadal 10 kaxxi tal-preserv x'jitqassmu. Il-Viċi-Sindku irrimrakat li ma ġietx avviċinata biex tagħti ismijiet ta' familji fil-bzonn. Hija talbet biex Mario li joqgħod fi Triq Herba, jingħata xi preserv. | Fenech |
| 01. 2. 6 | 12.2.9 | Sindku: Devoluzzjoni Ġebel San Martin | Il-Kunsillier Pace informa lill-Kunsill li l-file tad-devoluzzjoni f'Ġebel San Martin iċċaqlaq u għandu laqgħa fl-4 ta' Frar mal-Ministru dwar il-kaz. | Pace |
| 01. 2. 7 | 12.2.10 | Seychell: Applikazzjoni ta' restawr ta' postijiet zgħar | Seychell informa lill-Kunsill li tkellem mal-Perit Ruben Abela fejn dan qal li l-Kunsill irid japplika għall-permess. Huwa lest li jgħin lill-Kunsill. Is-Segretarjat talab stima tax-xogħol. | Sindku Seychell |
| 01. 2. 8 | 12.2.14 | Sindku: Wiċċ ta' Triq it-Tagħlim | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-wiċċ ta' Triq it-Tagħlim ser isir fi Frar. Ser isir kuntatt mal-kuntrattur sabiex ix-xogħlijiet isiru meta t-tfal ta' l-iskola ikunu bil-vaganzi tal-karnival. | Sindku |
| 01. 2. 9 | 12.2.16 | Segretarjat: Pedestrianization ta' Triq Sant'Anġlu | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li ġew sottomessi id-deviation routes quddiem TM hekk kif mitlub. Din it-talba qed isir għal qabel u waqt il-ħruġ tat-tfal ta' l-iskola. | Darmanin |
| 01. 2. 10 | 12.2.17 | Sindku: Petizzjoni Triq l-Arċipriet Degabriele | Is-Sindku spjega li ma saritx petizzjoni għal one way ta' Triq l-Arċipriet Degabriele peress li din ser issir għal waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal ta' l-iskola. | Darmanin |
| 01. 2. 11 | 12.2.19 | Viċi-Sindku: Xogħlijiet fuq il-komun f'Qasam Ta' Ganza | Il-Viċi-Sindku irrapurtat lill-Kunsill ix-xogħlijiet li saru fuq il-komun fil-blokki f'Ta Ganza. Ix-xogħol kwazi tlesta. Jonqos li l-meters tal-KSI ta' blokki A u B jinħarġu barra. | Viċi-Sindku |
| 01. 2. 12 | 12.2.21 | Viċi-Sindku: Rapporti ta' Attivitajiet li saru fi zmien il-Milied | Il-Viċi-Sindku tat ir-rapporti ta' l-attivitjiet li saru fi zmien il-Milied bħal weekend break, il-party tat-tfal u d-dinner dance. Hija faħħret ukoll il-kunċert annwali tal-Milied li kien l-iktar wieħed li s'issa kellu attendenza. Seychell semma wkoll il-leaflet li tħejja għal dan il-kunċert li kien tajjeb ħafna. Hawnhekk is-Sindku feraħ lill-Kunsillier Seychell tas-suċċess li l-Kunsill qed ikollu minn sena għal oħra għal dan il-kunċert u talbu sabiex jaħseb f'kor għal Milied li ġej. Il-Kunsilliera Fenech proponiet il-kor Anime filwaqt li l-Kunsillier Pace ippropona l-kor Amadeus. | Viċi-Sindku Seychell |
| 01. 2. 13 | 12.2.22 | Viċi-Sindku: Għeluq tal-programm 'Tfal Jadottaw anzjan' | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li se tiġi iffisata ġurnata sabiex jingħalaq il-proġett 'Tfal Jadottaw Anzjan'. | Viċi-Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 14 | 12.3.2 | Viċi-Sindku: Tqassim ta' boroz ta' skart reċiklabbli | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li bħalissa qed isir it-tqassim fid-djar tal-boroz ta' skart reċiklabbli. | Viċi-Sindku |
| 01. 2. 15 | 12.3.4 | Sindku: Blind Corner fi Triq Felicia Abela k/m Triq Bugħarbiel | Is-Sindku talab sabiex isir reminder lil Perit Lucien Stafrace dwar il-proposed re-alignment ta' Triq Felicia Abela ma' Triq Bugħarbiel. | Sindku |
| 01. 2. 16 | 12.5.1 | Viċi-Sindku: Xogħlijiet f'Qasam Ħal Tmiem | Il-Viċi-Sindku talbet lis-Sindku jikkjarifika kif tqassam ix-xogħol f'Qasam Ħal Tmiem peress li qed isir ħafna għajdut min-nies ta' l-area. Is-Sindku spjega li x-xogħlijiet tlestew. Sar xogħol fejn kien hemm l-agħar bankini, l-agħar footpaths, l-agħar ħitan u kif ukoll sar ir-resurfacing tal-boundary fejn sar il-parking. Issa fadal li ssir iz-zebgħa. Dwar ix-xogħol fil-blokki, il-Kunsill kien imdaħħal biss fil-komun. Ix-xafts u s-soqfa ser jibqgħu responsabbilta' tal-Awtorita tad-Djar. Ix-xogħlijiet qed isiru hekk kif pjanati mill-Awtorita' sena sena. | Sindku Viċi-Sindku |
| 01. 2. 17 | 12.9.1 | Sindku: SK8 Park The Wall | Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret il-manutenzjoni fuq l-iskatepark f'Ġebel San Martin. Rigward l-attivita' SK8 park the wall, il-Viċi-Sindku irrimarkat li l-ideat kellhom jiġu l-ewwel fuq il-mejda tal-Kunsill u ma jinħarġux fuq il-facebook. Il-kunsilliera Fenech spjegat li fil-grupp tal-facebook saret l-amalgamazzjoni ta' isketches u wara s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv kienu infurmati bix-xogħol li sar fuq il-ħajt. | Fenech |
| 01. 2. 18 | | Darmanin: Solidarjeta' | Il-Kunsillier Darmanin talab lill-Kunsill sabiex tintbagħat ittra ta' solidarjeta' lis-Sindku tal-Kunsill Lokali Żebbuġ minħabba l-att vandalu li ġarrab fuq il-bieb tar-residenza. **Il-Kunsill qabel unanimanent.** | Segretarjat |
| [illegible] 2. 19 | 12.9.3 | Sindku: Skema PPP | Il-Kunsill ġie infurmat li batch no 1 tlestiet izda l-Kunsill m'għandux approvazzjoni sabiex jagħmel batch no 2. | Sindku |
| 01. 2. 20 | 12.9.4 | Sindku: Toroq - extended patching / patching | Is-Sindku talab lill-Kunsillier Pace sabiex jitkellem ma' David Vassallo ta' TM sabiex isiru toroq b'extended patching. Hales talab għal patching fin-naħa t'isfel ta' Triq Cachia Zammit. Seychell talab għal patching mar-roundabout tal-Bambinu u l-Viċi-Sindku talbet għal patching fi Triq il-Kbira. Dawn it-tliet toroq ser jitnizzlu mal-lista tat-toroq għal patching. | Sindku |
| 01. 2. 21 | 12.9.9 | Camilleri: Librerija Pubblika | Camilleri informa lill-Kunsill li x-xogħol ta' zebgħa fil-librerija pubblika tlesta minn ġewwa u minn barra. Huwa ġab stima tat-tabelli pero' ser jinġiebu zewġ stimi oħra biex ikollna tlett stimi. | Camilleri |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 22 | 12.9.10 | Camilleri: Software għall-iskola | Camilleri informa lill-Kunsill li s-software li ssemma fil-laqgħa preċedenti ser ikun mgħoddi lill-iskola mill-Gvern Ċentrali u għalhekk ser tinxtara zurzieqa. **Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.** | Camilleri |
| 01. 2. 23 | | Camilleri: Mirja tat-Traffiku | Camilleri reġa' semma t-twaħħil ta' mirja tat-traffiku li hemm bzonn isiru: Triq Taltas, Triq Ħal Tarxien u Triq Daħla ta' San Tumas faċċata ta' Triq il-Qadi. Dawn ser ingħataw lill-ħaddiema ta' l-IPSL biex iwaħħluhom. | Sindku |
| 01. 2. 24 | 12.9.13 | Seychell: Invit mill-Parroċċa | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li ma rċevewx l-invit bi zvista min-naħa tal-Parroċċa. | |
| 01. 2. 25 | 12.9.18 | Sindku: Bollard fi Triq id-Duluri | Is-Sindku spjega li ser issir bollard fuq il-bankina fi Triq id-Duluri minħabba l-parkeġġ li qed isir fuq il-bankini mill-klijenti tal-Maltapost. Seychell semma il-kwantita' ta' cigarette butts li jkun hemm minn taħt il-gallarija tal-Maltapost sal-kantuniera. **Il-Kunsill qabel li dan huwa inaċċettabbli u għalhekk qabel li għandu jikteb lill-Post Master General dwar dan l-inkonvenjent lir-residenti ta' din it-triq.** | |
| 01. 2. 26 | | Sindku: Jum iz-Zejtun | Is-Sindku spjega li għalkemm din id-darba ser ikun hemm l-elezzjoni tal-Kunsill, Jum iz-Zejtun xorta waħda ser jiġi ċelebrat fil-ġurnata tiegħu jiġifieri fid-19 ta' Marzu. Jekk is-Sala Alexandra tkun għadha mhux lesta, ser jerga' jsir kuntatt mas-Sur Ferriġġi biex tinkera s-Sala ta' Juventutis Domus fejn nitolbu PA System u siġġijiet għall-okkazjoni. | Seychell<br>Segretarjat |

**01. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/13. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01. 3. 1 | | Mepa: PA2966/12, PA3103/12 | **Il-Kunsill qabel nem.con li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex jinzamm il-karattru tal-post ta' dawn l-izviluppi.** | Sindku |
| 12. 3. 2 | | MEPA: PA03043/12 | **Il-Kunsill qabel nem.con li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li l-wesgħa ta' din it-triq ma tiflaħx biex jingħataw permessi għall-garaxxijiet.** | Sindku |
| 01. 3. 3 | | MEPA: PA03047/12 , PA0007/13 | **Il-Kunsill qabel nem.con li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li għandu jinzamm il-karattru tal-village core ta' dawn l-izviluppi.** | Sindku |
| 01. 3. 4 | 09 | DLG: Immaniġġjar ta' skart fil-lokalita' | **Il-Kunsill qabel li għandu jsaqsi lill-kuntrattur Ronald Bezzina jekk għandux permess biex jiġbor skart goff u fejn qiegħed jarmih.** | Segretarjat |
| 01. 3. 5 | 16 | SE: Rimi ta' Monitor tal-Kusnill | Il-Kunsill qabel li għandu jiddisponi minn monitor propjeta' tal-Kunsill peress li m'għadux jiffunzjona. | Segretarjat |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 01. 3. 6 | 18 | Matthias Wachter: Sleeping policeman fi Triq Bugharbiel | **Il-Kunsill qabel li mhix policy tal-Kunsill Lokali li jagħmel sleeping policman f'toroq wesgħin.** | |
| 01. 3. 7 | 20 | DLG: Elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali | Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li l-laqgħat tal-Kunsill li jmiss huwa 14 ta' Frar u 14 ta' Marzu. | |
| 01. 3. 8 | 21 | J. Ellul: Yellow Lines fi Triq il-Qalb ta' Ġesu' | **Il-Kunsill qabel li jsiru l-yellow lines fi Triq il-Qalb ta' Ġesu'. Dawn għandhom isiru mill-ħaddiema li l-Kunsill għandu assenjati miegħu.** | |
| 01. 3. 9 | 24 | DLG: Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent | **Il-Kunsill qabel li għandu jdaħħal ix-xogħlijiet ta' mizura 313 taħt din l-iskema.** | |
| 01. 3. 10 | 26 | A. Galea: Ħsara fuq tyre | Il-Kunsill talab sabiex jara r-rapport tal-Pulizija. | |
| 01. 3. 11 | 27 | G. Cassar: Traffiku fi Triq Nikol Attard | Il-Kunsill ha nota ta' l-ittra ta' G Cassar dwar il-wiesgħa tad-dhul ta' Triq Nikol Attard min-naha ta' Triq Bugharbiel hija ta' 2.4mtrs liema qies diġa' għadda lil TM u rapprezentanti ta' TM diga' ġew fuq il-post. Din il-korrispondenza ser tgħaddi lil TM bit-talba li din tkun no entry ghall-vetturi l-kbar. | |
| 01. 3. 12 | 29 | Għaqda Muzikali Beland: Beland Music Festival | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill li lejn l-aħħar ta' Novembru saret laqgħa ġewwa l-għassa tal-Pulizija fejn l-Asst. Kummissarju mill-Kwartieri tal-Pulizija avza li mhux ser jingħataw permessi għal attivitajiet b'muzika qawwija f'zoni residenzjali. Għaldaqstant l-Għaqda Muzikali Beland talbet permess biex il-Beland Music Week isir fi Triq Ħal Tarxien quddiem il-kumpanija Go bejn is-7 u d-19 ta' Mejju. **Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jagħti permess bil-kundizzjonijiet tas-soltu, u li l-applikanti jgibu l-permessi relevanti ta' Transport Malta.** | |
| C 3. 13 | | G. Psaila Savona: Talba għal gate fi Triq Taltas Sqaq Nru 2 | **Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sabiex is-Sinj. G. Psaila Savona tagħmel gate hekk kif propost dment li r-residenti li għandhom l-appoġġ fl-istess sqaq jikkoperaw u jingħataw il-fakulta' li juzaw l-isqaq biex tkun tista ssir il-manutenzjoni ta' l-istess appoġġi.** | |
| 01. 3. 14 | | Petizzjoni: Pedestrian crossing | **Il-Kunsill qabel li għandha issir pedestrian crossing fi Triq Emm. Galea quddiem Ġnien iċ-Ċrieki** | |
| **01. 4.** | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/13 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 01. 4. 2 | Tabella tal-Ħlasijiet 01/13 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 01/13 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 01. 4. 2 i | Ġie ikkjarifikat li mill-kuntrattur J & J Schembri sar xogħol ta' hot asphalt fi Triq Ramla k/m Triq Wied iz-Ziju. | | |
| 01. 4. 2 ii 100 | Minflok Mario Borg, il-kuntrattur għandu jaqra Manuel Fenech. | | |
| 01. 4. 3 | Talbiet għal Xiri 01/13 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 12. 4. 4 | Petty Cash - Novembru 2012 | **Il-Kunsill approva l-petty cash ta' Novembru 2012 hekk kif preżentat u kien jammonta għal Eur224.05.** | Segretarjat |
| 12. 4. 5 | Petty Cash - Diċembru 2012 | **Il-Kunsill approva l-petty cash ta' Diċembru 2012 hekk kif preżentat u kien jammonta għal Eur224.40.** | Segretarjat |

**01. 5.** **Quarterly Reports Ottubru-Diċembru'12**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 5. 1 | | Segretarju Ezekuttiv: Jirraporta | Is-Segretarju Ezekutttiv poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju tar-raba kwart iġifieri Ottubru - Diċembru 2012. Huwa ta spjegazzjoni dettaljata tad-dħul u l-infieq ta' dan il-perijodu. | |
| 01. 5. 2 | | | Is-Sindku talab sabiex isir breakdown tal-community & hospitality u jitnizzel li l-attivitajiet li jagħmel il-Kunsill ikunu bi ħlas għall-parteċipanti. | |
| 01. 5. 3 | | | Is-Sindku talab ukoll sabiex jitħejja breakdown ta' kif intefqgħu Eur25,000 li s-Sinjura Janice Crompton tat lill-Kunsill għac-Child Day Care Centre, kif ukoll titħejja kopja ta' l-kontijiet u ċ-ċekkijiet. | |
| 01. 5. 4 | | | L-izbilanċ ta' Eur168,000 huwa dovut għall-ispiza li saret fuq it-toroq tal-PPP liema somma ser titħallas fuq terminu ta' 8 snin lill-kuntrattur Philip Agius & Sons. Is-Sindku talab wkoll li ssir nota mehmuza mar-rapport finanzjarju f'dan ir-rigward. F'dan id-dawl il-Kunsill ikun għamel surplus ta' Eur12,000. | |
| 01. 5. 5 | | | **Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju hekk kif prezentat u għalhekk is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw dan ir-rapport.** | |

**01. 6.** **Xogħlijiet fil-komun f'Qasam Ta' Ganza u f'Qasam Ħal Tmiem**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 6. 1 | | Ara nota 01.2.12 u nota 01.2.17 | | |

**01. 7.** **Miżura 313**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 7. 1 | | Ara nota 01.2.4 | | |

01. 8. Sqaq Strejnu Nru 2

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

01. 9. Drenaġġ fi Triq Xrobb l-Għaġin

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 9. 1 | | Ara nota 01.2.5 | | |

01. 10. Pubblikazzjoni rapport annwali

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 10. 1 | | Sindku | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-laqgħa annwali tal-lokalita' ser issir fl-14 ta' Frar, 2013. Għaldaqstant huwa ħeġġeġ lill-kunsilliera sabiex jissottomettu r-rapporti tagħhom lis-Segretarjat, li jigu nkluzi fir-rivista tal-Kunsill Frar 2013. | |

01. 11. Performance Bonus ta' l-Impjegati

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 11. 1 | | | **Wara li l-Kunsill evalwa l-ħidma ta' l-impjegati tiegħu, b'mod unanimu qabel li għandu jagħti l-full performance bonus lill-impjegati kollha tal-Kunsill, iġifieri 10% lis-Segretarju Ezekuttiv u 6% lill-kumplament ta' l-impjegati kollha.** | |

01. 12. Mozzjonijiet

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 12. 1 | | Għal din il-laqgħa ma kienx hemm mozzjonijiet. | | |

01. 13. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 13. 1 | | Fenech: Fieldwork u Youth Placement | Fenech infurmat lill-Kunsill li bħalissa l-youths@local ingħata field work u youth placement li qed jattendi kull nhar ta' Sibt. | Fenech |
| 01. 13. 2 | | Pace: Xtieli f'Misraħ Indipendenza | Pace fakkar lill-Kunsill dwar ix-xtieli li kellhom jinzergħu f'Misraħ Indipendenza. | Sindku |
| 01. 13. 3 | | Pace: Dustbins fejn il-picnic tables | Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dustbins fejn il-picnic tables fi Gnien San Girgor. | Sindku |
| 07. 13. 4 | | Camilleri: Għamara għal-Librerija Pubblika | Camilleri informa lill-Kunsill li waslet l-għamara l-gdida tal-Librerija Pubblika. | Camilleri |
| 01. 13. 5 | | Fenech: Zejtun Corinthians | Fenech talbet sabiex isir signage li jindikaw iz-Zejtun Corinthians training grounds. Is-Sindku semma l-problema ta' parking li qed ikun hemm f'din iz-zona. **Il-Kunsill qabel li għandha ssir tabella li tindika li jista' jsir parkeġġ fuq il-bankina fuq in-naħa tal-football pitch.** | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12. | 13. 6 | Seychell: Bankina għolja wara l-knisja | Seychell ġibed l-attenzjoni dwar biċċa bankina għolja bejn il-bieb tal-Knisja u l-maħzen ta' l-Armar. Huwa talab ukoll biex isir handrail mat-tarf tal-bankina. | Sindku |
| 01. | 13. 7 | Camilleri: Rampa f'Misraħ C. Diacono | Camilleri reġa' fakkar lill-Kunsill dwar rampa f'Misraħ Carlo Diacono. | Sindku |
| 01. | 13. 8 | Seychell: Bring in site Ta' Brejġu | Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-underground bring in site mhiex tintaddaf b'mod regolari. | Sindku |
| 01. | 13. 9 | Seychell: Triq San grigro | Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar zona mudlma wara l-knisja minħabba dawl mitfi taz-zebra crossing u parti mitfija minn Triq San Girgor. | Sindku |
| 01. | 13. 10 | Seychell: Tilari | Seychell irrimarka dwar tilari neqsin li jintuzaw waqt l-esebizzjonijiet varji li jkollu l-Kunsill. Is-Sindku informa lill-Kunsill li dawn instabu. | |
| 01. | 13. 11 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser isiru attivitajiet għat-tfal għal Jum iz-Zejtun kif ukoll attivita' għal Jum il-Mara. **Il-Kunsill approva.** | Viċi-Sindku |
| 01. | 13. 12 | Viċi-Sindku: Play Area CDCC | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar l-outdoor play area tac-Child Day Care Centre. Is-Sindku spjega li ser issir applikazzjoni taħt il-programm Leader. | |
| 01. | 13. 13 | Viċi-Sindku: Xogħol fiz-zona ta' Misraħ Kan Giov Vella | Il-Viċi-Sindku staqsiet meta ser isiru x-xogħlijiet fiz-zona a' Misrah Kanonku Giov Vella k/m Triq it-Tabib Cannataci. Is-Sindku spjega li naraw x'jista' jsir. | |
| 01. | 13. 14 | Viċi-Sindku: Parking wara l-Knisja | Il-Viċi-Sindku reġgħet qajjmet quddiem il-Kunsill il-problema ta' parkeġġ wara l-knisja fi Triq San Girgor. Is-Sindku spjega li trid tidjiq il-bankina b'2 piedi biex il-problema tissolva. | |
| 01. | 13. 15 | Sindku: Madum għas-sular t'isfel tal-Kunsill | Is-Segretarjat ipprezenta l-kwotazzjoni għal xogħol ta' madum fuq stil antik fis-sular t'isfel mingħand Halmann Vella li tammonta għal Eur10,200. **Il-Kunsill qabel li għandu jixtri wkoll mejda, siġġijiet u platform ghas-sala tal-laqghat tal-Kunsill.** | |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 14 ta' Frar, 2013 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun wara l-laqgħa pubblika.

Sindku

Segretarju Eżekuttiv